MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 803/2003

**Silvan Cutajar**

**Vs**

**Elaine Cachia**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ April 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin) dovuti ghall-hlas ta’ danni ikkagunati f’incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kkagunati f’incident awtomobilistiku tal-21 ta’ Ottubru, 2002, gewwa Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAE 095 misjuqa minn u propjeta` ta’ l-attur u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni MON 405 misjuqa minn Elaine Cachia.

Liema incident sehh unikament b'tort tal-konvenuta minhabba traskuragni imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Liema danni ghandhom jigu likwidati minn dan it-Tribunal.
Ra r-risposta fejn inghad:-
1. L-irritwalita` u nullita tal-Avviz billi l-attur ma jikkwantifikax il-pretensjoni tieghu.
2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-incident de quo ma sarx b'tort tal-eccipjenti.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kollizzjoni in dezamina grat fi Triq Dun Karm, B'Kara. Il-vettura misjuqa mill-konvenuta harget minn Triq Salvu Psaila, gibdet lejn il-lemin, qabzet mill-karregjata xellugija ghal dik leminija fejn kien qed isuq l-attur, dana ma setax jevitaha u saret il-habta.

Illi mhux kontestat illi l-attur kien qed isuq fi Triq Principali arterjali. Kien fuq il-karregjata ta' barra. Ra lil konvenuta hierga mit-triq laterali u qabzet mill-ewwel ghal quddiemhom. Dina manuvra wahda.

Illi ma jistax ma jigix ribadit l-attezzjoni massima meta vettura trid tohrog minn kantuniera ghal fuq triq principali. Mhux hekk biss izda meta tisporgi fuq din it-triq toqghod fil-karregjata taghha biex ma tostakolax il-free flow of traffic li jkun ghaddej.

Minn dana kollu, il-konvenuta ma ghamlet xejn. Ghalhekk ghadnha tigi ritenuta unikament responsabbli anki billi t-Tribunal ma jiskontra xejn, lanqas bhala kontribuzzjoni fl-operat tal-attur.

Relattivament dwar il-quantum tad-danni jigi rilevat li s-socjeta` assikuratrici tal-vettura tal-konvenuta baqghet ma ghamlet l-ebda proposti minghajr pregudizzju dwar l-quantum tad-danni sofferti mill-atturi. Skond l-istess survey (esibita fit-2 ta' Novembru 2004) il-valur riporatorju jeccedi l-valur tas-suq tal-vettura. L-attur, a fol 20 qed

jitlob is-somma ta’ Lm686.14. Dina ma hiex kontestata anki fil-paramendi tal-istess surveyor tal-konvenuta.

Jiddeciedi illi jilqa` t-talbiet attrici jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jikkundannaha thallas is-somma ta’ Lm686.14 lill-attur in linea ta’ danni ghall-incident unikament responsabbli ghalih bl-ispejjes u interessi kif mitluba mid-data tas-sentenza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------